MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 696/2012

**C.A. Limited**
**C-1852**

**vs**

**Degiorgio Philip**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tlett elef mitejn u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€3,260.23c), oltre ghall-imghax ulterjuri mill-10 ta' Ottubru, 2012, rapprezentanti l-bilanc minn somma akbar naxxenti mill-kunratt ta' bejn il-partijiet, fl-atti tan-Nutar Philip Lanfranco tat-18 ta' April, 2008.

Peress illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat sabiex ihallas l-ammont minnu dovut, huwa baqa' inadempjenti. Il-konvenut ghalhekk ghandu jigi

kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef mitejn u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€3,260.23c) kif premess, lis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali ulterjuri mill-10 ta' Ottubru, 2012 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Lulju, 2012 kontra l-konvenut, li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tliet elef mitejn u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€3,260.23c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------